MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 340/2011

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Helen Falzon (K.I. 506761M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elfejn, hames mija, sitta u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,566.92) rapprezentanti ammont dovut lis-socejta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont anness u mmarkat bhala Dok 'A'); illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda din baqghet inadempjenti ghat-tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum; bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment u l-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-05 ta’ Marzu, 2012 mill-Avukat Daniela Gauci u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont t’ elfejn, hames mija, sitta u sittin ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,566.92) w dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------